KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 45*ad hoc*** **IS-SITT KUNSILL**

Il-ħamsa u erbgħin seduta (45) *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **17 ta'Awissu, 2011** fil-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci, Julian Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Yves Cali avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
*Assistant Principal* Stefania Friggieri
Is-Sur Joe Tabone, Head Monitoring Unit, Dipartiment ghall-Gvern Lokali
Is-Sur Christopher Galea, Ufficjal Monitoring Unit, Dipartiment ghall-Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

45.a Qabel ma gie diskuss l-ewwel *item* fuq l-Agenda, il-Kunsilliera S. Camilleri ippreżentat dokument ~~b'kopja tal-korrispondenza kollha~~ dwar is-smigħ tal-*voice recorder* u talbet li jintbagħtu wkoll lid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

45.b Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li hi ilha minn Mejju 2011 titlob biex tisma' l-*voice recorder.* Is-Sindku fakkret li hi kienet ipproponiet biex issir laqgħa apposta biex jinstema *voice recorder* iżda ħadt ma ssekonda l-proposta u ma ttiħidx vot. Is-Sindku qalet ukoll li kien miftiehem f'Lulju li l-Kunsilliera jisimgħu l-*voice recorder* waqt il-hin tax-xogħol. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera Camilleri jekk tridx tisma' l-*voice recorder.* Qalet izda li għalkemm kellhom l-opportunita l-Kunsilliera għadhom ma għamlux dan. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill kien ha decizjoni li sakemm l-Kunsilliera tisma' r-*recording* il-minuti ma jigux approvati.

**45.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Memo 65/2011 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012**

45.1.1 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 65/2011 rigward skema ta' attivitajiet. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li trid timtela applikazzjoni u l-Kunsill irid jagħti d-dettalji tal-attivita u jissottomettiha lid-Dipartiment għal Gvern Lokali sal-aħħar ta' Awwissu.

45.1.2 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li xi membri tas-Soċjeta ta' San Girgor qalulha li l-prezz tad-dwal u s-*sound* li jħallas il-Kunsill huwa ogħla minn dak li s-soltu jħallsu huma. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill irid iżomm mar-regolamenti u fakkret li kienu nħarġu kwotazzjonjiet apposta għall-attivitajiet fejn il-Kunsill iħallas direttament lill-kuntratturi tiegħu. Il-Vici Sindku qal li l-kunsilli jridu jimxu mal-*public procurement procedures.* Is-Sindku wiegbet li l-Kunsill joħrog sejha għal kwotazzjonijiet jew offerti li jkunu miftuħa għal pubbliku, izda qalet li min ma japplikax ma jistax jintgħazel.

45.1.3 Is-Sindku pproponiet li jkun hemm *Tas-Sliema Day* fejn jiġu involuti l-erba baned ta' Tas-Sliema. Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet li għandu jkun hemm *Tas-Sliema Day.* Il-Viċi Sindku qal li ma jafx jekk din tistax issir permezz ta' din l-iskema.

45.1.4 Is-Sindku staqsiet jekk għandhomx isiru erba' attivitajiet separati mal-baned tal-lokal. Il-Viċi Sindku ppropona li ssir attivita waħda u ppropona li jsir festival tal-arti kontemporanja fejn ikun hemm involut żfin, teatru, arti u muzika. Is-Sindku ssekondat il-proposta tal-Vici Sindku. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

45.1.5 Il-Vici Sindku qal li l-baned tal-lokal ikunu jistgħu jigu nvolti f'attivita waħda. Is-Sindku staqsiet jekk din l-attivita tkunx darba fil-Milied u darba fis-Sajf fejn isir festival wieħed.

45.1.6 Il-Kunsillier E. Cuschieri staqsa jekk din hux ssir f'ġurnata waħda għaliex filkaż il-Kunsill jista jorganizza wirja bir-ritratti Tas-Sliema. Is-Sindku qalet li jistgħu jintwerew kemm ritratti antiki kif ukoll ritratti ta' Tas-Sliema kif inhi preżentament.

45.1.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li xtaqet li jinbena anfiteatru żgħir fi Ġnien Indipendenza.

45.1.8 Il-Kunsillier J. Galea issuġġerixxa li jintuża x-*Chalet*. Il-Viċi Sindku qal li għalkemm l-idea hija tajba biex jintuża x-Chalet l-ispiza tkun ikbar ghax ikun hemm bzonn ta' aktar fondi biex jissaħħaħ ix-Chalet bl-*iscaffolding.*

45.1.9 Il-Kunsillier N. Gauci issuggerixxa li ghandu jsir *backdrop* li fuqu jkun riprodott ix-*Chalet* u li jkun mibni bil-gypsum biex b'hekk ikun evitat li jsir *scaffolding*. Il-Kunsillier Galea qal li l-*backdrop* jista' jsir minn *PVC*. Il-Kunsill qabel li z-zona li se tintuza għall-attivita se tkun Ghar id-Dud bix-Chalet bħala waħda mit-temi.

45.1.1~~0 Kien~~ Il-Kunsilliera S. Camilleri issuggerit li t-titlu tal-attivita jkun '*Tas-Sliema Past and Present' Arts Festival.*

***Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ġew skużati li jitilqu mis-seduta fis-6.15 ta' filgħaxija.***

45.1.11 Kien hemm diskussjoni dwar id-dati għal din l-attivita u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn għandhom ikunu t-23 u l-24 ta' Ġunju, 2012.

45.1.12 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li bħala tiżjin għandu jkun hemm bnadar u bżieżaq fl-area ta' fejn se ssir l-attivita.

45.1.13 Is-Sindku issuġġeriet li għandu jkun hemm il-ġostra.

45.1.14 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ssir ezibizzjoni ta' pitturi minn artisti lokali e.g. bħal per eżempju Kenneth Zammit Tabone u Gabriel Pellegrini li qed jipproponi li tista' ssir fl-entrata tal-*Lukanda Preluna*. Kien hemm suġġeriment li l-wirja fotografika ukoll issir fil-*Lukanda Preluna.*

45.1.15 Il-Kunsillier Galea qal li għandu jkun verifikat mal-MTA jekk il-*kiosks* li hemm fuq il-*Promenade*, għal jumejn tal-attivitajiet, jistgħu jigu mitluba biex ma jarmawx is-siggijiet u l-imwejjed.

45.1.16 Il-Kunsillier J. Galea ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu rapport dwar l-iskavar ta' Għar id-Dud. Il-Kunsill għandu jsib ir-rapport.

45.1.17 Il-Kunsillier Nicolai Gauci ssuggerixxa wkoll li ghandu jkun hemm baned b'talent lokali.

45.1.18 Is-Sindku ssuġġeriet li għad-drama l-Kunsill jinvolvi lis-Salezjani. Qalet li għandu jkun hemm ukoll *food stalls*, bizzilla, ganutell u *beading*. Is-Sindku qalet li l-oġġettiv ta' din l-attivita ghandu jkun dak li l-Kunsill juza din l-attivita biex jgħallem il-ġenerazzjoni ġdida.

***Il-Kunsillier N. Gauci ħareġ mis-seduta fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa waqfet mill-procedimenti tagħha għaliex ma kienx hemm kworum.***

***Il-Kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fis-6.34 ta' filgħaxija.***

45.1.19 Saret diskussjoni dwar fi xħin ghandha tibda u tintemm l-attivita. Kien hemm qbil li l-ħin tal-attività jkun bejn is-7 u l-11 ta' filgħaxija.

45.1.20 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li jkun hemm ukoll wirja ta' karozzi antiki kif ukoll li jkun hemm karozzini li joffru dawriet madwar Tas-Sliema. Ġie diskuss ukoll li peress li t-tema se tkun li nerġgħu ngħixu l-passat il-Kunsill għandu jipprova jġib ukoll karozzi tal-linja antiki kif ukoll *vintage buses.*

45.1.21 Kien hemm diskussjoni dwar jekk għandux jingħalaq ix-Xatt għat-traffiku. Ġie diskuss li t-triq għandha tingħalaq u t-traffiku jkun devjat minn Triq Manwel Dimech.

45.1.22 Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ fuljett bil-programm dettaljat, kif ukoll jistampa posters, jagħmel avviżi fil-gazzetti u fuq it-televiżjoni u r-radju, fuq il-*billboards*, fuq siti elettronici, kif ukoll fuq il-magazin tal-Kunsill. Is-Sindku ssugerit ukoll li l-programm jintbagħat fil-lukandi.

45.1.23 Il-Kunsill qabel li t-titlu għandu jinbidel għal *Tas-Sliema Past and Present Arts Festival.*

45.1.24 Il-Kunsill għandu jibgħat l-applikazzjoni b'dawn l-ideat.

45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Ħrug ta' offerta għal gbir ta' skart imħallat

45.2.1 Tqassam id-dokument *"Specific Conditions of Contract and Specifications for the Collection of Mixed Household Waste"* lill-Kunsilliera preżenti. ***Anness "Dok A" mal-minuti.***

45.2.2 Il-Kunsill intalab jispecifika l-ġranet u l-ħinijiet li fihom għandu jinġabar l-iskart imħallat ladarba tkun ippubblikata s-sejħa l-ġdida għall-offerti għall-ġbir tal-iskart imħallat.

45.2.3 Ġie nnotat li f'Tas-Sliema qiegħed ikun hemm diversi boroż suwed fit-toroq barra mill-ġranet u l-ħin li suppost jinġabar l-iskart imħallat. Is-Sindku qalet li hi tixtieq tipproponi lill-Kunsill sistema ta' *stickers* li jitwaħħlu mal-boroz li jkunu ħargu barra l-ħin stipulat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill qiegħed jibgħat lill-*Contracts Manager* idur madwar Tas-Sliema u fejn jara dawn l-irregolaritajiet qiegħed jitfa ittra apposta lill-individwu bid-dettalji tal-ġranet meta jingabar l-iskart imħallat. Il-Kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn li l-Kunsill jibda jħarrek lil min ma jobdix ir-regolamenti. Il-Kunsill kien infurmat li l-*Authorised Officer* kien qed jiġi mitlub jibgħat il-*green wardens* sabiex jagħmlu dan.

45.2.4 Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li hu ma jaqbilx li l-iskart jinġabar kuljum. Is-Sindku qalet li taqbel ma' dan.

45.2.5 Il-Kunsillier N. Gauci ssuġġerixxa li l-Kunsill jinvolvi lil nies qegħda biex inaddfu l-bajjiet filgħodu u filgħaxija. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħrig jekk l-iskema biex il-Kunsilli jħaddmu nies qegħda għadiex valida. Is-Sindku ressqet is-suġġeriment tal-Kunsillier Gauci għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill jikteb lill-Korporazzjoni.

45.2.6 Il-Kunsillier N. Gauci ssuġġerixxa li jkun hemm aktar sorveljenza mill-pulizija u jekk hemm bżonn iduru fuq rota simili għal dik li kienet qed tintuża fil-Belt Valletta.

45.2.7 Il-Kunsillier N. Gauci ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jara kemm jiswew *portable ashtrays* li jkunu bil-logo tal-Kunsill li jkun jistgħu jitqassmu lill-pubbliku. Kien hemm qbil dwar dan.

45.2.8 Is-Sindku rreferiet għall-proposta li għamlet aktar kmieni dwar l-*isticker* li għandha teħel mal-boroz is-suwed. Qalet li din l-*isticker* għandha tkun kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż. Din tkun bil-ħinijiet u b'avviż fejn ir-residenti jkunu nfurmati li l-*green wardens* qegħdin iduru ma' Tas-Sliema u jimmultaw lil min ma josservax ir-regolamenti. Il-*Contracts Manager* għandu jdur u jpoġġi l-*isticker* fuq il-borza taz-zibel meta din ma tkunx ħarġet fil-ġurnata jew il-ħin li suppost. Is-Sindku pproponiet li għandu jerġa

jintbagħat avviż ieħor lir-residenti kollha u li dan għandu jkun attraenti. Il-Viċi Sindku ssekonda. L-avviż għandu jinkludi l-ħin tal-ġbir, kif ukoll li l-*green wardens* qegħdin jimmultaw lil min ma josservax ir-regolamenti u li l-multa tista' tlaħħaq sal-€1165. Għandu jinkludi wkoll nota li tgħid li l-iskart imħallat jinġabar ukoll li fil-festi pubbliċi. Il-Kunsill qabel ma' dan.

45.2.9 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jordna sinjali mal-*bus stop* f'*Dingli Circus* biex ma jipparkjawx *coaches* privati. Kien innutat li għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv talbet lista tal-*bus stops* kollha f'Tas-Sliema, l-operatur tat-trasport pubbliku l-*Arriva* għadhom ma bagħtux din il-lista. Kien deċiż li s-sinjal propost mill-Viċi Sindku għandu jeħel biss fuq il-*bus stop* indikat f'*Dingli Circus*.

45.2.10 Wara li reġa ġie diskuss l-aħjar metodu kif jasal il-messaġġ tal-Kunsill dwar il-ġbir tal-iskart, il-Viċi Sindku qal li avviż ta' paġna shiha fis-Sunday Times jkollu aktar impatt sakemm dan ikun f'post prominenti. Il-Kunsill iddikusta din il-proposta fejn Membri semmew li kampanja b'reklami fil-gazzetti li twassal biex jintlaħaq dan l-għan b'mod iktar effettiv. Il-Kunsillier J. Galea issuġġerixxa ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat stqarrija għall-istampa. Fi tmiem id-dikussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jimplimenta il-kampanja tiegħu b'dan il-mod.

***Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono daħlu lura għas-seduta fis-7.02 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace ħarġu mis-seduta fis-7.02 ta' filgħaxija.***

45.2.11 Is-Sindku spjegat kif saret il-*MEAT analysis* li wasslet għall-aggudikazzjoni tal-offerta għal ġbir ta' skart imħallat.

45.2.12 Wara li saret diskussjoni dwar kif għandha tkun is-sejħa għat-tender il-ġdid, il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lid-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk hux se jipprovdu lill-Kunsill b'format aktar modern minħabba li t-tender li kien qed jintuża preżentament mill-Kunsilli jistipula li għandha tintuża l-*MEAT analysis*. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li Dipartiment għal Gvern Lokali għandu jkun mistoqsi jekk il-kuntratt għandux ikopri terminu ta' erba snin jew jekk jistax jinħareġ għal perjodu inqas.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ħareġ mis-seduta fis-7.12 ta' filgħaxija***

45.2.13 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata li d-Dipartiment tal-Kuntratti qed jipprova jagħmel offerti uniformi għall-Kunsilli kollha. Qalet li waqt laqgħa li saret id-Dipartiment tal-Kuntratti kienet infurmata li l-istess Dipartiment tal-Kuntratti kien qed jissuggerixxi li ma jintużax il-*MEAT analysis*.

*Il-Kunsilliera E. Cuschieri, N. Gauci u P. Pace daħlu lura għas-seduta fis-7.14 ta' filgħaxija.*

45.2.14 Il-Kunsillier M. Debono issuġġerixxa li hemm bżonn li f'Tas-Sliema jintuzaw aktar trakkijiet żgħar minħabba li t-toroq huma dojoq.

45.2.15 Il-Kunsillier E. Cuschieri informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li jigbor l-iskart imħallat kien qed jagħmel *piling* ta' boroż fil-kantuniera ta' Triq Santa Marija ma' Triq il-Karmnu. Il-kuntrattur għandu jkun infurmat li ma jistax jagħmel dan.

45.2.16 Il-Kunsillier M. Debono issuġġerixxa li l-iskart jinġabar minn kmieni filgħodu. Is-Sindku wieġbet li bħalissa qiegħed jinġabar mid-9 ta' filgħodu. Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera biex jibgħatu lista bis-suggerimenti tagħhom li għandhom jitnizzlu fis-sejħa għall-offerti għall-gbir tal-iskart imħallat.

***Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.15 ta' filgħaxija.***

45.2.17 Il-Kunsillier M. Debono qal li hemm bżonn li l-iskart jinġabar kuljum u li l-iskart riċiklat jinġabar darbtejn fil-ġimgħa.

45.2.18 Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet ma dan għaliex qalet li Tas-Sliema qegħda tidher maħmuġa.

45.2.19 Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku illi jekk l-iskart jiġi separat b'mod tajjeb u regolari l-pubbliku m'għandux għalfejn joħroġ il-borża s-sewda kuljum u apparti minn hekk il-Kunsill ikun qiegħed jiffranka l-flus li jistgħu jintużaw fuq proġetti oħra. Is-Sindku fakkret li aktar kmieni l-Kunsill qabel li se jagħmel kampanja edukattiva estensiva li tinkludi s-sistema tal-*isticker* fuq il-borża s-sewda. Fid-diskussjoni li saret mill-Membri tal-Kunsill kien indikat li din il-kampanja se tinvolvi impenn anke finanzjarju iżda li tħalli riżultati fit-tul għal lokalita iktar nadifa u li dan jinkludi li l-Kunsill ma għandux iċedi għal pressjoni ta' min ma jridx jikkopera.

45.2.20 Il-Kunsillier J. Galea issuġġerixxa li s-sejha għall-offerta għal gbir ta' skart imħallat tkun tinkludi żewg opzjonijiet, cioe waħda li tindika li l-iskart imħallat jista' jinġabar erbat ijiem fil-ġimgħa, u oħra li tindika li l-iskart jista' jinġabar sitt darbiet fil-gimgħa filwaqt li l-Kunsilliera S. Camilleri ssuġġeriet li nhar ta' Ħadd ukoll isir ġbir ta' skart imħallat.

45.2.21 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ghandu jistaqsi fis-sejha ghall-offerti xi spiza tinvolvi gabra ta' erbat ijiem fil-gimgha jew gabra ta' sitt ijiem fil-gimgha. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

45.2.22 Il-Kunsillier P. Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-impjegati tal-kumpanija *Captain Morgan* qegħdin joħorġu ħafna skart f'kull ħin. Il-Kunsill kien infurmat li din il-kumpanija kienet diga giet imwiddba u li twahhlu avvizi tul ix-Xatt fejn jorbtu id-dghajjes.

45.2.23 Saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta' kenniesa f'Tas-Sliema. Il-Kunsill kien infurmat li d-Direttur CSD waqt laqgħa li kellu ma' membri tal-Kunsill qal li l-problema prinċipali ta' dan id-Dipartiment hi li m'għandux ħaddiema biżżejjed. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li jibda l-process biex tinhareg sejha ghall-offerti għall-knis tat-toroq.

45.2.24 Il-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-proposta tal-Kunsillier S. Camilleri biex fix-xhur tas-Sajf l-iskart jibda jinġabar il-Ħdud filgħodu. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u ghaldaqstant din se tizdied mar-rikwiziti tal-offerta.

45.2.25 Il-Kunsillier Galea qal li diversi stabilimenti bhal ristoranti u lukandi m'ghandhomx kollettur privat li jiġbrilhom l-iskart. Ippropona li ghandha tintbaghat ittra lill-istabilimenti kollha biex dawn jaghtu informazzjoni dwar il-kollettur tagħhom, il-ħin li jingabar l-iskart tagħhom, kif ukoll *contact details* tal-persuna responsabbli. Il-Kunsillier M. Debono qal li ristoranti u l-lukandi mhumiex obbligati jagħtu dawn it-tip ta' dettalji. Is-Sindku pproponiet li qabel il-Kunsill jikteb lil dawn l-istabilimenti jivverifika mal-MTA jekk din it-tip ta' informazzjoni tistax tingabar mill-Kunsill minħabba li din taqa' taħt il-kappa tagħha.

**45.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport dwar it-tiżjin fit-toroq bid-dwal għal żmien il-Milied**

45.3.1 Tqassam dokument lill-Kunsilliera preżenti dwar rapport għat-tiżjin tal-Milied li sar minn *Engineering Services Ltd.* ***Anness Dok "B" mal-minuti.***

45.3.2 Is-Sindku qalet li f'laqgħa li kienet saret f'Mejju l-Kunsill qabel li din is-sena jkunu mżejna t-toroq residenzjali u mhux dawk kummerċjali.

45.3.3 Is-Sindku issuġġeriet li din is-sena ma għandux ikun hemm muzika ghaddejja mat-toroq minħabba li se jkunu mzejna t-toroq residenzjali u li l-muzika tista' tkun ta' inkonvenjent għal uħud, specjalment għal anzjani.

45.3.4 Il-Viċi Sindku rrimarka li Triq il-Katidral ma għandix tkunx imżejna kollha.

45.3.5 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jikkunsidra n-nefqa finanzjarja li jgib mieghu it-tizjin għall-Milied.

45.3.6 Is-Sindku qalet li l-Kunsilliera għandhom jaraw ir-rapport li ngħata lilhom u li dan ghandu jerġa jkun diskuss f'seduta oħra.

45.3.7 Il-kumpanija *Engineering Services Ltd* ghandha tkun mistoqsija jekk il-prezzijiet fir-rapport humiex ghall-kiri jew ghax-xiri tad-dwal tal-Milied.

45.3.8 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jixtri xi affarijiet mic-Cina għaliex dawn ikunu ħafna irħas. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ghandu jimxi ma' proceduri finanzjarji stabbiliti.

***Il-Kunsillier E. Cuchieri ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-7.45 ta' filgħaxija.***

**4. Affarijiet Oħra**

45.4.1 Il-Kunsilliera S. Camilleri qalet li qiegħed ikun hemm skips fl-area ta' quddiem il-Piazzetta. l-amministrazzjoni diġa bagħtet lill-*Green Wardens*.

45.4.2 Il-Kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn li jitnaddfu l-*culverts* kollha f'Tas-Sliema mill-kuntrattur tal-Kunsill is-Sur Toni Aquilina. Is-Sindku ipproponiet li jitnaddfu l-*culverts* kollha f'Tas-Sliema. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

*45.4.2.1* Il-Kunsilliera S. Camilleri xtaqet tikkwalifika l-vot, fejn qalet li ghalkemm taqbel mat-tindif tal-*culverts* taħseb li l-Kuntrattur li se jnaddafhom jieħu preżżi għoli.

45.4.3 Il-Kunsillier P. Pace qal li l-pont fi Triq il-Kulleġġ l-Antik għandu jiġi msewwi minnufih minħabba periklu.

45.4.4 Minkejja li dan ma jaqax taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mat-TM, l-MRRA u mal-Pulizija. Il-Kunsill għandu jfakkar lill-Perit David Vassallo tat-TM. Il-Kunsill għandu

jistaqsi lit-TM biex ipoġġu tabelli informattiv dwar dan il-periklu. Is-Sindku għandha tikteb dirett lill-Ministru wkoll.

45.4.5 Il-Kunsill għandu jsejjaħ konferenza stampa għall-azzjoni li ħa dwar il-kundizzjoni tal-pont.

45.4.6 Il-Viċi Sindku staqsa x'progress sehh wara li l-Perit David Vassallo inghata gimgha cans biex jirraporta dwar Triq San'Enriku. Il-Kunsill kien infurmat li x-xoghol assenjat ma kienx tlesta u ghladaqstant qabel li ghandu jinhareg *warning* ieħor.

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra tal-ex Contracts Manager is-Sur Stephen Buhagiar u kien hemm qbil li għandu jiltaqa' mad-Direttur għal Gvern Lokali.

45.4.7 ~~Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat dwar l-ittra tal-ex *contracts manager* is-Sur Buhagiar. Fuq suggeriment tal-Kunsillier M. Debono kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu jiltaqa' mad-Direttur għal Gvern Lokali biss.~~ Is-Sindku talbet li kemm jista' jkun il-Kunsilliera kollha ghandhom ikunu preżenti. Il-Kunsill kien infurmat li fuq parir legali moghti, ma setax jieħu azzjoni peress li l-kaz hu *sub judice*.

45.4.8 Il-Kunsillier J. Galea ippropona li l-~~mappa Tas-Sliema tiġi aggornata~~ mappa ġdida Tas-Sliema approvata u stampata bil-kulur.

**Is-seduta ntemmet fit-8 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........6........ ........ ta' ....Ottubru.... 2011.
(jum) (data) (xahar)